

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2006/2132(INI)

24.10.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar pjan ta' rottu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2006- 2010
(2006/2132(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Inger Segelström

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-Kumitat responsabbi, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-fatt li s-sitwazzjoni ġenerali fir-rigward ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ittjiebed f'dawn l-aħħar snin u f'din il-konnessjoni jinnota li n-nisa jirrappreżentaw aktar minn 44% tal-ħaddiema, filwaqt li medja ta' 30% ta' l-intraprendituri u aktar minn 50% ta' l-istudenti huma nisa; jittama li din it-tendenza pożittiva tkompli;
2. Jiddispjači li d-differenza fil-paga ta' bejn is-sessi għadha 15% minkejja l-leġiżlazzjoni ta' l-UE f'dan il-qasam; jitlob lill-Istati Membri biex jiffissaw mira għat-tnaqqis tagħha; jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippreżenta komunikazzjoni dwar din il-kwistjoni fi żmien qasir; jirrakkomanda li din il-komunikazzjoni tīgi segwita b'miżuri attivi; jappella lill-Kummissjoni wkoll, sabiex tiżgura li d-direttiva dwar pagi indaqs tīgi applikata b'tali mod li n-nisa ma jsorru diskriminazzjoni minħabba l-fatt li jkollhom esperjenza iqsar fil-ħajja tax-xogħol minħabba t-trobbija tat-tfal tagħhom;
3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċċesarji kollha sabiex jilħqu l-objettivi ta' Barċellona għall-ħarsien tat-tfal u biex jiżviluppaw servizzi ta' ħarsien li wieħed jista' jaffordjahom għall-anzjani, għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni dipendenti oħrajn;
4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi politiki attivi u miżuri speċifċi biex jittrattaw l-faqar fost nisa li huma parti minn gruppi żvantaġġati, bħal ommijiet waħidhom, nisa ta' età kbira u nisa immigranti;
5. Jiddeplora d-diskriminazzjoni mifruxa u persistenti kontra n-nisa li m'humiex impjegati imma jiddedikaw ħinħom għat-trobbija tat-tfal u biex jieħdu ħsieb il-familji tagħhom, u jappella lill-Istati Membri biex jagħmlu sforz biex jibdlu dan, pereżempju billi jikkunsidraw il-perjodi tat-trobbija tat-tfal għall-iskop ta' kalkolu tal-pensjoni;
6. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu l-irwol fundamentali ta' l-irġiel fil-kisba ta' bilanċ fost is-sessi, pereżempju bil-promozzjoni ta' incenċivi biex jieħdu liv ta' ġenitür jew liv patern u jaqsmu d-drittijiet ta' kura man-nisa; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel riċerka fuq ir-raġunijiet għalfejn ffit irġiel jieħdu liv ta' ġenitür jew liv patern;
7. Ifakkar fil-kundanna tiegħu tal-forom kollha ta' vjolenza bbażati fuq is-sess¹; jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel riċerka dwar il-kawżi li jwasslu għall-vjolenza bbażata fuq is-sess u sabiex tiżviluppa indikaturi dwar in-numru ta' vittmi;
8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġib kemm jista' jkun malajr dejta paragunabbi u ta' min joqgħoq fuqha dwar traffikar ta' bnedmin sabiex jiġi evalwat il-fenomenu u tistipula miri biex jitnaqqas; ifakkar li digħi saqsa lill-UE biex taħdem ħalli tnaqqas bin-nofs in-

¹ Riżoluzzjoni tat-2 ta' Frar 2006 dwar is-sitwazzjoni attwali fil-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u kull azzjoni futura, P6_TA-PROV(2006)0038.

- numru ta' vittmi ta' traffikar fl-għaxar snin li ġejjin¹;
9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal proposta għal kodiċi ta' mgħiba għall-uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE, b'mod partikulari waqt li jkunu fuq missjoni f'pajjiżi terzi, li għandha tiddiżzapprova x-xiri ta' servizzi sesswali, ta' forom oħrajn ta' sfruttar sesswali u tal-vjolenza bbażata fuq is-sess, u għandu jkun fiha sanzjonijiet mandatorji;
 10. Jiddispjaċih li s-sitwazzjoni tal-bniet mhix tittieħed inkunsiderazzjoni biżżejjed; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċċesarji kollha sabiex jiżguraw l-implementazzjoni tar-Riżoluzzjoni dwar il-bniet adottata mill-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda²;
 11. Jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji Ewropej biex jippromwov u gwaljanza bejn is-sessi fuq livell amministrattiv u jimmiraw għall-parità bejn in-nisa u l-irġiel fir-reklutaġġi u fil-ħatriet, b'mod partikulari għal pożizzjonijiet ta' livell għoli.

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar strategiċċi biex jiġi evitat it-traffikar ta' nisa u ta' tfal li huma vulnerabbli għal sfruttament sesswali (2004/2216(INI), P6_TA(2006)0005).

² Riżoluzzjoni A/RES/60/141 adottata fil-11 Jannar 2006.

PROCEDURE

Title	A roadmap for equality between women and men 2006-2010
Procedure number	2006/2132(INI)
Committee responsible	FEMM
Opinion by Date announced in plenary	LIBE 15.6.2006
Enhanced cooperation – date announced in plenary	
Drafts(wo)man Date appointed	Inger Segelström 20.6.2006
Previous drafts(wo)man	
Discussed in committee	4.10.2006
Date adopted	23.10.2006
Result of final vote	+: 30 -: 0 0: 0
Members present for the final vote	Alexander Alvaro, Alfredo Antoniozzi, Edit Bauer, Johannes Blokland, Giusto Catania, Charlotte Cederschiöld, Carlos Coelho, Fausto Correia, Panayiotis Demetriou, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Kinga Gál, Lilli Gruber, Lívia Járóka, Barbara Kudrycka, Romano Maria La Russa, Henrik Lax, Sarah Ludford, Edith Mastenbroek, Inger Segelström, Ioannis Varvitsiotis, Stefano Zappalà, Tatjana Ždanoka
Substitute(s) present for the final vote	Giorgos Dimitrakopoulos, Sophia in 't Veld, Bill Newton Dunn, Siiri Oviir, Hubert Pirker, Marie-Line Reynaud, Antonio Tajani, Rainer Wieland
Substitute(s) under Rule 178(2) present for the final vote	
Comments (available in one language only)	